MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2184/2002

**Avviz Numru 2184/02 AJD**
**L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar**

**vs**

**Adrian Busietta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' mija u sittax il-lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm116.81) spejjes inkorsi mill-Awtorita' attrici sabiex jigi enforzat l-Avviz tat-Twettiq numru ECF/364/96/EAM?NENA (Dok. IJS1).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Joseph Aguis in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ mija u sittax il-lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm116.81), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**